**6 ta' Diċembru, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. A. Gauci Maistre, LL.D.**

John Baptist Cutajar

*versus*

Paul Mamo noe

**Assikurazzjoni — Amissjoni ta' responsabilità da parti ta' l-assikurat.**

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi huwa jinsab assigurat mad-ditta konvenuta għarrigward tal-karozza tiegħu "Consul" numru 22458 u li b'sentenza tal-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla fil-kawża fl-ismijiet "Jiseph Schembri vs Giovanni Battista Cutajar" mogħtija fissebgħa u għoxrin (27) ta' April, 1960, huwa ġie dikjarat responsabbli għall-kolliżjoni li ġrat fit-tnejn (2) ta' Settembru,

1959, il-Marsa, bejnu u bejn l-imsemmi Joseph Schembri, li kien qiegħed isuq il-karozza tiegħu numru 3436, u kkundannat iħallas is-somma ta' £123.0.8., lill-imsemmi Joseph Schembri bħala danni, u l-ispejjeż tal-kawża ammontanti b'kollox għal £77.8.9. kif jirriżulta mill-annessi dokumenti B, u C, u billi d-ditta konvenuta mingħajr ġusta kawża ma tridx tirrikonoxxi dawn id-danni sofferti minnu — talab illi l-konvenut nomine jiġi kkundannat iħallas bħala danni minnu sofferti s-somma ta' mija sebgħa u disgħin lira, disa' xelini u ħames soldi (£197.9.5.) jew kull ammont ieħor varjuri li tistabilixxi din il-Qorti — bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż.

Rat in-nota tal-konvenut (fol. 8) li biha eċċipixxa illi permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fis-sitta u għoxrin (26) ta' Ottubru, 1959, huwa iddiskonoxxa kwalunkwe responsabilità taħt il-polza a rigward l-inċident in kwistjoni, u dana peress illi l-attur ivvjola l-kondizzjonijiet tal-polza Dok. "R" partikolarment il-kondizzjoni numru tnejn (2).

Rat id-deċiżjoni preliminari tagħha tat-tmintax (18) ta' April, 1961, (fol. 29) li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni ulterjuri mogħtija mill-konvenut li biha kien issottometta illi skond il-klawsola numru 8 tal-polizza tal-assikurazzjoni kull kwistjoni li tista' tqum mill-istess polizza għandha tiġi diferita għad-deċiżjoni tal-arbitru skond il-modalitajiet indikati f'dik il-klawsola u dika l-proċedura hija kondizzjoni imprexendibili ta' kwalunkwe dritt ta' proċeduri legali kontra l-kumpanija tas-sikurtà konvenuta, u għalhekk kontra l-azzjoni esperita hemm l-ostaklu ta' dik il-klawsola u konsegwentement l-azzjoni għandha tiġi eskluża;

Semgħat ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-attijiet tal-kawża fl-ismijiet "Joseph Schembri vs Giovanni Battista Cutajar" deċiża definitivament mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April, 1960;

Semgħat lid-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tat-tnax (12 ta' Novembru, 1963 (fol. 61) li bih id-difensur tal-konvenut issottometta illi indipendentement mir-responsabilità tal-kolliżjoni u tal-quantum tad-danni reklamati, il-konvenut ma huwiex tenut li jħallas għaliex l-attur kiser il-kondizzjonijiet tal-polza kif diġà irrileva bl- eċċezzjonijiet tiegħu, u għalhekk ikun biżżejjed illi jiġi deċiż dan il-punt għalex illum mhux qed jikkontesta 'la l-ammont tad-danni u l-anqas ir-responsabilità tal-attur;

Tikkunsidra illi l-fatti li jirrigwardaw il-kwistjoni kif limitata b'dana l-verbal huma dawk li rriżultaw mix-xhieda mhux kontradetta tal-istess konvenut, ċioè illi in segwitu għall-kolliżjoni, l-attur mar għand il-konvenut flimkien ma' Joseph Schembri, sid u konduċenti tal-karozza l-oħra involuta fil-kolliżżjoni u ddikjara illi t-tort kien tiegħu. Il-konvenut deherlu illi l-attur kien qiegħed ilaqlaq u qallu li ma kienx sejjer iħallas qabel ma jkun hemm deċiżjoni mill-Qorti. Siegħa wara, l-attur reġa' mar għand il-konvenut u qallu li kien ammetta li t-tort kien tiegħu għaliex Schembri kien insista miegħu biex igħid hekk u mbagħad dan Schembri jagħtih xi ħaġa, u dan (il-konvenut) qal lill-attur biex isib avukat u jfittxu għad-danni. Fis-sbatax (17) ta' Ottubru, 1959 (il-kolliżjoni kienet saret fit-tnejn (2) ta' Settembru, 1959) l-attur reġa' mar għand il-konvenut u qallu illi kien ftehim ma' Schembri li hu jagħmel claim lill-kumpanija tal-konvenut u l-attur jagħmel claim lill-kumpanija ta' Schembri biex Schembri jitħallas mill-kumpanija tal-attur, u l-attur jitħallas mill-kumpanija ta' Schembri, u hu (l-konvenut) qal lill-attur li dan ma

setax isir. Fil-fatt saret kawża minn Schembri kontra l-attur li ġiet debitament kontestata u wara perizja ordnata mill-Qorti, ġie ritenuti illi ħati tal-kolliżjoni kien l-attur (Sentenza Preliminarja tat-tletin (30) ta' Jannar, 1960, "Schembri u Cutajar");

Tikkunsidra illi l-kondizzjoni Nru. 2 tal-polza (fol. 9 tergo) tgħid illi: "No admission, offer, promise, payment or indemnity shall be made or given by or on behalf of the Insured without the written consent of the Company which shall be entitled if it so desires to take over and conduct in the name claim for indemnity or damages or otherwise and shall have of the Insured the defence or settlement of any claim or to prosecute in the name of the Insured for its own benefit any full discretion in the conduct of any proceedings or in the settlement of any claim and the Insured shall give all such information and assistance as the Company may require". Il-kondizzjoni Nru. 9, imbagħad tgħid: "The due observance and fulfilment of the terms conditions and endorsements of this Policy in so far as they relate to anything to be done or complied with by the Insured and the truth of the statements and answers in the said proposal shall be conditions precedent to any liability of the Company to make any payment under this Policy."

Fil-fehma tal-Qorti l-kondizzjoni Nru. 2 għandha tiftehem illi l-kumpanija assikuratriċi b'ebda mod ma hija marbuta b'ammissjonijiet, offerti, promessi, ħlas jew indemnitajiet magħmula jew mogħtija mill-assikurat mingħajr il-kunsens preventiv tagħha, u għalhekk id-Ditta assikuratriċi għandha d-dritt kollu tinjora kwalunkwe ammissjoni u kwalunkwe promessa magħmula mill-assikurat, tant illi għandha d-dritt li tmexxi hija għan-nom tal-assikurat il-proċeduri ġudizzjarji li jsiru kontra tiegħu kemm li tmexxi hija kontra l-parti l-oħra għall-aċċertament tar-responsabilità jew għar-risarċiment tad

danni;

Il-konvenut deherlu illi l-attur kien qiegħed "ilaqlaq" biex wieħed jirripeti l-kelma testwali wżata mill-konvenut fix-xhieda tiegħu, però fil-fatt l-attur kien qiegħed jgħid il-verità li ġiet aċċertata sollennement bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-tletin (30) ta' Jannar, 1960, fuq imsemmija. Mela nonostanti kwalunkwe impressjoni ħażina li seta' ħa l-konvenut, fil-fatt l-attur ebda dikjarazzjoni falza ma għamel, u ebda preġudizzju ma arreka l-attur lill-konvenut anke jekk aċċetta mingħand Schembri illi jieħu xi ħaġa jekk il-kumpanija tiegħu tħallas id-danni. A skans ta' ekwivoċi l-Qorti b'ebda mod ma qegħda tapprova l-prattika li disgrazzjatament imxiet ħafna fil-pajjiż illi min ikun involut f'kolliżjoni jammetti l-ħtija jew b'xi mod jirranġa mal-parti l-oħra, meta ħtija ma jkollux jew il-parti kbira tal-ħtija ma tkunx tiegħu, prattika li tmur kontra kwalunkwe prinċipju ta' moralità u b'mod speċjali kontra dik l-assoluta buona fede li hija essenzjali fil-kuntratt tal-assikurazzjoni, imma qegħda tgħid biss li la darba l-ħtija kienet unikament tal-attur huwa ma għamel ebda dikjarazzjoni falza u ebda preġudizzju m'arreka lill-konvenut, u għalhekk tonqos il-pretensjoni tal-konvenut illi l-attur ipprova jinganna l-assikurazzjoni meta għamel il-claim tiegħu. Ta min josserva wkoll illi l-konvenut mill-ewwel ma riedx iħallas appena sema l-ewwel versjoni tal-attur u kien wara illi l-konvenut qallu illi ma kienx sejjer iħallas qabel m'ikun hemm deċiżjoni tal-Qorti, illi l-attur reġa' mar għand il-konvenut u qallu illi kien iddikjara illi kellu tort għaliex Schembri kien qallu biex igħid hekk imbagħad jagħtih xi ħaġa. Din it-tieni dikjarazzjoni tal-attur ma kienitx il-fattur deċisiv, għaliex il-konvenut kien diġa' wasal għall-konklużjoni illi ma jħallasx qabel m'ikun hemm deċiżjoni tal-Qorti.

Il-konvenut fin-nota tal-osservazzjoni tiegħu għalkemm fil-verbal preċedent kien qal illi ma jikkontestax il-quantum

tad-danni; irrileva illi f'pessima ipotesi m'għandux iħallas l-ispejjeż tal-kawża li ġiet provokata mill-aġir tal-attur. Il-Qorti però hija wkoll tal-fehma illi inqas din *il-pretensjoni ma* hija fundata, l-ewwelnett għaliex huwa magħruf illi l-prattika hija *illi meta d-ditta* assikuratriċi jkollha dubbju u tippreferixxi illi *r-responsabilità tirriżulta minn deċiżjoni* tal-Qorti, *illi l-ispejjeż* tal-kawża tħallasha wkoll, hemm il-fatt illi l-konvenut ma għamel ebda riserva imma sempliċement qal lill-attur li ma kienx sejjer iħallas qabel ma jkun hemm deċiżjoni mill-Qorti. u darba ma saret ebda *riserva da parti* tal-konvenut isegwi illi huwa għandu jħallas l-ispejjeż tad-deċiżjoni li xtaq illi jkollu qabel m'iħallas. Dan jidher iktar ċar meta wieħed jiftakar illi l-konvenut seta jinvoka l-kondizzjoni Nru. 8 u jgħid lill-attur illi l-kwistjoni tiġi riferita lill-arbitru. Dan ma għamilx appuntu għaliex kien xtaq deċiżjoni mill-Qorti.

*Aċċettat* għalhekk mill-konvenut ir-responsabilità tal-*kolliżjoni da parti tal-attur* u *tal-ammont tad-danni* kawżati bil-kolliżjoni, u stabilita mill-Qorti r-responsabilità tal-konvenut għar-rifużjoni ta' dawn id-danni, mill-attur imħallas lis-sid tal-karozza l-oħra involuta fil-kolliżjoni, u kif ukoll tal-ispejjeż tal-kawża fl-ammont *indikat fiċ-ċitazzjoni*, billi huma konsegwenzjali għall-kolliżjoni u għall-għażla tal-konvenut illi r-responsabilità u l-likwidazzjoni tad-danni ssir per mezz tal-Qrati, isagwi illi t-talba hija pjenament ġustifikata;

Għaldaqshekk tiddeċiedi billi tilqa' t-talba bl-ispejjeż kontra l-konvenut.